MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru. 25/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs.**

**Joel Portelli**

Kaz Numru: 25/2008

Illum 20 ta’ Settembru, 2011

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat J**oel Portelli**, bin George u Maria neé Borg, imwieled fit-12 ta’ Lulju 1989, residenti fil-fond Blk I, Bieb B, Flat 3, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 27989(G), li gie akkuzat talli nhar l-14 ta’ Ottubru 2007 ghall-habta ta’ 22:00hrs fir-Rabat, Ghawdex:

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABQ 276 Nissan Sunny meta ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni;

2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma' vettura bin-numru AAJ 546 u nvolontarjament ikkagunalha hsara ghad-dannu ta' Charlie Muscat;

3. u aktar talli wara li kien involut f'habta ma' vettura ohra naqas li jieqaf u jaghti d-dettalji tieghu meta jkun mitlub.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 67(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, tikkundannah multa ta' elfejn, tliet mija u hamsin ewro (€2,350.00), fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, tikkundannah multa ta' hamsin ewro (€50.00) u, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, tikkundannah ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25.00).

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat Joel Portelli jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------